# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, it-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2023.**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 583/2021 ISB**

**Dr Patrick Spiteri (K.I. 43465M)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u**

**l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Ġuramentat** ta' **Dr Patrick Spiteri**, intavolat fis-17 ta' Ġunju 2021, li permezz tiegħu, huwa talab lil din il-Qorti sabiex:

*i. a) Tisma' dan ir-rikors b'urgenza;*

***b) Tagħti b'urġenza miżura ad interim ("interim measure") billi tordna immedjatament is-sospenzjoni tal-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri dwar Artikolu 338(z) sakemm tinqata' din il-kawża;***

*ii. Tiddikjara li fil-proċeduri mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali ma applikatx tajjeb id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI) u li d-digrieti tal-23 ta' Settembru 2019, tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021 jmorru kontra l-istess Decizjoni Kwadru;*

*iii. Konsegwentement tiddikjara li minhabba tali miżapplikazzjoni u l-fatt li l-immsemmija digrieti jmorru kontra d-Deċiżjoni Kwadru kif fuq ingħad, u minħabba li d-digrieti tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021 huma nieqsa mill-motivazzjoni, ir-rikorrent sofra ksur tad-drittijiet tiegħu naxxenti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u senjatament l-Artikoli 47 u 48 tal-istess Karta;*

*iv. Konsegwentement tirrevoka, tannulla u tħassar id-Digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali fil-proceduri mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 tal-23 ta' Settembru 2019, tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021;*

*v. Tordna li l-proċeduri kontra l-esponent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri dwar Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali fit-totalità tagħhom jiġu differiti sine die għal meta u wara li ma jibqgħux fis-seħħ l-effetti tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI;*

*vi. Tillikwida kumpens għall-ksur hekk stabbilit skont id-drittijiet fundamentali u skont id-duttrina tar-responsabbilità tal-Istat kif stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;*

*vii. Tikkundana lill-intimat iħallas lir-rikorrent il-kumpens hekk stabbilit;*

*viii. Sussidjarjament u f'kaz li ma tilqax it-talbiet precedenti, tiddikjara li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent Dr Patrick Spiteri għal smiegħ xieraq kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġew*

***miksura hekk kif deskritt iktar 'il fuq u b'riżultat tal-fatti kif fuq premessi, inkluż minħabba li d-digrieti tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021 huma nieqsa mill-motivazzjoni u minħabba li d-digrieti tal-23 ta' Settembru 2019, tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021 jikkozzaw mal-prinċipji tad-dritt Ewropew kif brevement spjegat f'dan ir-rikors;***

***ix. Konsegwentement tirrevoka, tannulla u tħassar id-Digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali fil-proceduri mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 tal-23 ta' Settembru 2019, tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021;***

***x. Tordna li l-proċeduri kontra l-esponent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri dwar Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali fit-totalità tagħhom jiġu differiti sine die għal meta u wara li ma jibqgħux fis-seħħ l-effetti tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI;***

***xi. Tillikwida kumpens għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponent kemm ai termini tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tagħti kull rimedju ieħor xieraq u opportun biex tispurga l-vjolazzjonijiet hekk riskontrati;***

***xii. Tikkundana lill-intimat iħallas lir-rikorrent il-kumpens hekk stabbilit;***

U dan wara illi ppremetta:

***<u>Il-fatti fil-qosor li taw lok għal din il-kawża:</u>***

***1.*** *Illi r-rikorrenti Dr Patrick Sptieri inġab Malta fil-31 ta' Mejju 2017 bis-saħħa ta' diversi Ordnijiet t'Arrest Ewropew irregolat mil-liġi Maltija flimkien mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI) u dan fuq każijiet oħra li m'għandhomx x'jaqsmu mal-kawża odjerna, wara sentenza mogħtija mill-Westminister Magistrates Court fit-30 ta' Settembru 2015. Ara Anness immarkat bħala* ***Dok A.***

2. *Illi wara li nġab Malta, il-Pulizija Eskutiva resqet akkuża ta'* ***reat kontinwat*** *permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 talli bejn 1/3/2014 u 31/3/2018 allegatament naqas milli jagħti manteniment allegatament dovut ai termini tal-Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali Maltija (Kap 9). Ara* ***Dok B****.*

3. *Illi fit-28 ta' Frar 2019, ir-rikorrent intavola Nota ta' Sottmissijonijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati b'Ġudikatura Kriminali fejn huwa eċepixxa preliminarjament li l-proċeduri odjerni quddiem dik il-Qorti ma setgħux jipproċedu billi huwa kien qiegħed Malta bis-saħħa ta' mandat t'arrest Ewropew u għalhekk bis-saħħa ta' dik li tissejjah 'the rule of speciality' l-imputat ma jistax jiġi mħarrek u l-Qorti tal-Maġistrati ma tistax tisma' akkużi dwar allegati reati kommessi fil-perjodu qabel ma nġab Malta bis-saħħa ta' dak il-mandat, u li ma kienux inklużi fl-istess mandant. Ara* ***Dok C.***

4. *Illi l-fatt li l-akkuża ai termini tal-Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali Maltija (Kap 9) hija dwar reat kontinwat mhix kontestata mill-parti ċivili fejn fir-risposta responsiva tagħha tal-2019 għan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imputat taċċetta li dan hu reat kontinwat. Ara* ***Dok D****.*

5. *Illli b'digriet tat-23 ta' Settembru 2019, il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali ordnat il-prosegwiment tal-kawża in kwantu u limitatament fir-rigward tar-reati kommessi wara li l-imputat treġġa' lura in forza tal-mandati ta' arrest imesmmija fuq. Ara* ***Dok E.***

6. *Illi fit-28 ta' Frar 2020, ir-rikorrent intavola rikors ieħor quddiem l-istess Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali fejn talab lill-Qorti tal-Maġistrati jogħġoba tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha tat-23 ta' Settembru 2019 u minflok tordna li l-proċeduri odjerni jiġu differiti sine die riappuntabbli fuq talba tal-prosekuzzjoni wara li jiġi milħuq wieħed mir-rekwiżiti tal-Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI) jew alternattivament tagħmel rinviju preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont il-proċedura tal-Artikolu 267 TFUE. Ara* ***Dok F***

7. *Illi b'digriet datat 13 ta' Mejju 2020, l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali żammet mad-digriet preċedenti. Ara* ***Dok G.***

***8.*** *Illi fl-10 ta' Marzu 2021 ir-rikorrent intavola rikors ieħor quddiem l-istess Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali fejn umilment issolleva punti ta' dritt Ewropew direttament relevanti għall-punti tal-liġi u ta' fatti marbuta ma' dik il-kawża u li ma kienux tqajmu qabel. L-esponent talab lill-Qorti tal-Maġistrati joġgħoba tirrevoka contrario imperio d-digrieti tagħha tat-23 ta' Settembru 2019 u tat-13 ta' Mejju 2020 biex il-proċeduri quddiemha jkunu konformi mal-interpretazzjoni tad-dritt Ewropew skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u minflok tordna li l-proċeduri quddiemha fit-totalità tagħhom jiġu differtiti sine die għal meta u wara li ma jibqgħux fis-seħħ l-effetti tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI. Ara* ***Dok H****.*

***9.*** *Illi fit-30 ta' Marzu 2021 il-Kummissarju tal-Pulizija intavola risposta żvestita min kull eċċezzjoni legali dwar id-dritt Ewropew u li ma ġġib l-ebda argument sostansiv għalhiex l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati m'għandhiex tilqa' t-talba tar-rikorrent. Di più, dik ir-risposta setgħet ankè tiżvija lill-Onorabbli Qorti billi tagħti impressjoni li l-eċċezzjonijiet li dwarhom kien qed issir dak ir-rikors tqajmu qabel. Dan mhux il-każ. Ara* ***Dok I.***

***10.*** *Illi fl-20 ta' Mejju 2021 il-Qorti tal-Maġistrati tat digriet li jżomm ferm ma' dak ordnat minna qabel u ma jagħti l-ebda motivazzjoni għaliex il-Qorti tal-Maġistrati kienet qed tiddeċiedi hekk u dan poġġa lill-esponent f'pożizzjoni aktar diffiċli biex jiddefendi ruħu. Ara* ***Dok J.***

***11.*** *Illi fid-9 ta' Ġunju 2021 ir-rikorrent intavola rikors fejn talab lill-istess Qorti tindika in linea mal-prinċipji Kostituzzjonali u d-dritt Ewropew, il-motivi li abbażi tagħhom ġiet miċħuda t-talba magħmula mill-esponenti fir-rikors intavolat f'Marzu 2021 u dan sabiex ikun jista' jirregola ruħu jew alternativament, tirrevoka contrario imperio d-digrieti tagħha tat-23 ta' Settembru 2019 u tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021 tant sabiex il-proċeduri odjerni jkunu konformi mal-interpretazzjoni tad-dritt Ewropew skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u konsegwentement tordna li l-proċeduri fit-totalità tagħhom jiġu differtiti sine die għal meta u wara li ma jibqgħux fis-seħħ l-effetti tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI****.*** *Ara* ***Dok K.***

***Ksur u misapplikazzjoni tal-Artikolu 27 tad- Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI)***

**12.** *Illi l-imputat jinsab Malta* ***biss u minħabba l-applikazzjoni*** *Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI) u għalhekk kull proċedura penali fil-konfront tal-imputat trid tkun fil-kuntest ta' dan l-istrument legali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li dak iż-żmien li daħal fis-seħħ f'Malta permezz tal-Att dwar is-Sħubija fl-Unjoni Ewopea (Kap 460) kien regolat permezz ta' Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewopea qabel l-emendi tat- Trattat ta' Liżbona.*

**13.** *Illi Deċiżjoni Kwadru (Framework Decision) taħt l-eks Titolu VI japplika u jorbot qorti nazzjonali allura dik Maltija kif se jiġi spjegat hawn. Fil-liġi Maltija, id-Deċiżjoni Kwadru (2002/584/ĠAI) hija implimentata permezz tal-Artikolu 25 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap 276) kif ukoll LS 276.05.*

**14.** *Illi minħabba li dawn qed jimplimentaw id-Deċiżjoni Kwardu Ewropea, ma jistgħux jiġu interpretati f'iżolament imma dejjem in konsistenza mad-Deċiżjoni Kwadru.*

**15.** *Illi d-Deċiżjoni Kwadru għalkemm mhix applikabbli b'mod dirett fil-qrati nazzjonali, l-effett u r-riżultat tagħha japplikaw u jorbtu idejn il-Qorti Nazzjonali meta tkun qed tapplika d-dritt lokali jiġifieri Artikolu 25 ta' Kap 276 kif ukoll LS 276.05.*

**16.** *Illi dan joħroġ mill-ġurisprudenza ta' Pupino (każ C-105/03) li hi dwar id-duttrina tal-effett dirett ta' Deċiżjoni Kwadru taħt Artikolu VI tat-Trattat tal-Unoni Ewropea ta' qabel l-emendi ta' Liżbona fl-2009. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'din is-sentenza ikkonfermat li Deċiżjonijiet Kwadri japplikaw u jorbtu fil-qrati nazzjonali ta' ġudikatura kriminali. Il-Qorti Nazzjonali hija obbligata li timxi mat-tifsrira tad-Deċiżjoni Kwadru anka jekk ikun hemm xi deskrepanza dwar it-tifsira bejna u bejn il-liġi lokali li tkun qed timplimentaha.*

**17.** *Illi di più minħabba li fl-applikazzjoni tad-Decizjoni Kwadru, din il-kawża iddur mal-applikazzjoni tad-dritt Ewropew, f'każ li jkun hemm ksur tad-dritt*

*Ewropew tiskatta l-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali kif protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Eworpea fejn l-Artikolu 6 tal-istess Karta jorbot lill-Istat Malti illi l-imputat ma jistax jeħel detenzjoni jew kwalunkwe kastig ieħor u lanqas jista' jiġi proċessat minħabba applikazzjoni mhux preċiża tad-dritt Ewropew.*

***18.*** *Illi d-Deċiżjoni Kwadru msemmija fuq fl-Artikolu 27 tagħha tipprovdi dwar ir-regola tal-ispeċjaltà li tfisser li persuna li tkun f'Malta biss minħabba l-esekuzzjoni ta' proċedura pprovduta fid-Deċiżjoni Kwadru ma tistax tiġi akkużata u pproċessata bl-ebda forma ta' akkuża oħra sakemm ma taqax taħt l-eċċezzjonijiet tal-istess Artikolu.*

***19.*** *Illi l-istess Deċiżjoni Kwadru tipprovdi li Stat Membru jista' jitlob eżenzjoni minn din l-eċċezzjoni billi jinnotifika lill-Kunsill tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea. Iżda kif jidher mid-dokument anness bħala Anness A mar-rikors tal-10 ta' Marzu 2021, kemm l-Istat Malti kif ukoll r-Renju Unit li bejn dawn l-istati twettaq l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru fil-każ tal-imputat tal-kawża odjerna, għażlu li ma japplikawx din l-eċċezzjoni, u għalhekk il-leġislatur Malti għażel li ma jagħmilx eċezzjonijiet.*

***20.*** *Illi fi kwalsijasi każ l-eċċezzjoni ipprovduta mid-Deċiżjoni Kwadru fuq ma tirriżultax mill-atti tal-każ odjern u inoltre minħabba li l-Artikolu 338(z) iġor piena ta' telf ta' libertà, ir-regola tal-ispeċjalità tapplika bilfors mingħajr eċċezzjonijiet.*

***21.*** *Illi di più, ir-regola tal-ispeċjalità tapplika wkoll għaliex l-akkuża fil-kawża odjerna hija dwar allegat reat wieħed kontinwat li beda f'Marzu 2014 u baqa' għaddej sa Marzu 2018 u peress li beda ferm qabel mal-imputat inġieb Malta bis-saħħa tad-Deċiżjoni Kwadru, Artikolu 27 (2) tal-istess Deċiżjoni Kwadru jfisser li sakemm il-preżenza f'Malta tal-imputat tibqa' regolata mill-applikazzjoni tal-istess Deċiżjoni Kwadru, ma jistgħux jinġiebu l-ebda akkużi fil-konfront tiegħu ta' allegat reat li beda qabel il-miġja tiegħu ankè jekk ikun għadu għaddej kontinwu sal-lum.*

***22.*** *Illi għalhekk konsegwentalment għandha tapplika favur l-imputat ir-regola tal-ispeċjalità.*

***23.*** *Illi din it-tifsira ta' fuq diġa ġiet deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Lussumburgu f'każijiet bħal ta' Generalbundesanwalt beim*

*Bundesgerichtshof (C-195/20 PPU) fejn il-Qorti Ewropea kienet ċara ħafna li allegati reati li bdew qabel iċ-ċediment tal-imputat ma jistgħux jiġu ipproċessati sakemm ikun għad hemm fis-seħħ l-effetti tad-Deċiżjoni Kwadru. Fil-fatt il-Qorti Ewropea f'punt 39 qalet: Fl-aħħar nett, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-regola ta' speċjalità hija marbuta mas-sovranità tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni u tagħti lill-persuna rikjesta d-dritt li tkun suġġetta għal prosekuzzjoni, ikkundannata jew imċaħħda mil-libertà biss għar-reat li jkun ta lok għall-konsenja tagħha (sentenza tal-1 ta' Diċembru 2008, Leymann u Pustovarov, C-388/08 PPU, EU:C:2008:669, punti 43 u 44).*

**24.** *Illi dan iffiser li biex l-imputat jkun jista' jiġi ipproċessat fuq Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali dwar allegat reat li jkun beda qabel huwa jkun gie ċedut u kompla wara, ikun irid jintalab kunsens mir-Renju Unit, liema kunsens fil-każ odjern ma ntalabx.*

**25.** *Illi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tapplika erga omnes tqis dak li ġie spjegat fuq bħala acte éclairé jiġfieri diġà ġie ċarat f'diversi ġurisprudenza differenti illi r-regola tal-ispeċjalità tapplika għal reat kontinwu li beda qabel l-imputat jkun ġie ċedut bejn l-Istati Membri.*

**26.** *Illi il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija vasta u ċara fuq dan is-suġġett u sakemm proċeduri oħrajn huma pendenti taħt id-Deċiżjoni Kwadra il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali ma tistax tmexxi bl-ebda proċeduri ta' akkużi dwar Artikolu 338 (z) tal-Kodiċi Kriminali.*

**27.** *Illi l-Qrati Maltin f'kawżi oħra diġà mxew mal-interpretazzjoni tal-Qorti fil-Lussumburgu. Ara per eżempju fis-sentenzi tat-18 ta' Jannar 2018 f'proċeduri oħra li ttieħdu kontra l-istess esponent Il-pulizija (Spettur Anthony Aguis) v Patrick Spiteri quddiem il-Maġistrat Doreen Clarke (każijiet 885767/10/1/1 u 737364/10/1/1. Ara* ***Dok L1 u L2.***

**28.** *Illi f'sentenza oħra din id-darba tal-20 ta' Lulju 2020 il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ippreseduta mill-Maġistrat Victor Axiak fil-kawża Nru 963/2004 Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) v Patrick Spiteri wara li għamlet referenza studjata għall-artiklu akkademiku*

*miktub mill-Professur S.Z. Ziller fl-Isreal Law Review (1977 12(4) 466-525) ikkonkludiet illi l-Qorti taqbel bis-sħiħ mal-argument illi kwistjoni tal-kompetenza tal-qorti ta' pajjiż li tisma' akkużi oħra, hija waħda sine qua non fir-regoli fundamentali tal-ispeċjalità fl-estradizzjoni u għalhekk ikkonkludiet li l-Qorti tal-Maġistrati m'għandha l-ebda kompetenza tkompli tisma' l-kawża għaliex ir-regola tal-ispeċjalità hija effettivament impediment għat-tkomplija ta' dawn il-proċeduri u b'hekk astjeniet.* ***Ara Dok M****.*

***29.*** *Illi dan ukoll ġie konfermat minn sentenza oħra tal-Qorti tal-Maġistrati fil-mori tal-kawża Police (Inspector Mark Galea v Marek Drga) deċiża fis-6 ta' Marzu 2019 annessa bħala* ***Dok N.***

***30.*** *Illi l-uniformità fil-interpretazzjoni tad-Dritt Ewropew hija waħda mill-pilastri li fuqha hu mibni l-ordinament ġuridiku Ewropew li tapplika u tobot flimkien mad-dritt Malti (Każ 26/62 NV Algemene Transport- en Expeditie Onderneming van Gend & Loos v Netherlands Inland Revenue Administration). Għalhekk, għalkemm fis-sistema legali Malti m'għandniex id-duttrina tal-preċedent u l-każijiet huma deċiżi inter partes, dan ma japplikax fejn tidħol l-applikazzjoni tad-dritt Ewropew, fejn il-qrati nazzjonali huma marbuta ma' dak li jiġi deċiż mill-Qorti tal-Lussumburgu u wisq inqas ma jista' jkun hemm interpretazzjoni diverġenti bejn il-qrati tal-istess Stat Membru. Għalhekk il-Qorti li qed tisma' l-kawża dwar Artikolu 338(z) fejn jidħol id-dritt Ewropew hi obligata li timxi mal-Qorti tal-Lussumburgu kif għamlet l-istess Qorti diversament ippreseduta fis-sentenzi Maltin ċitati fuq.*

***<u>Ksur tal-Artikolu 47 u 48 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea</u>***

***31.*** *Illi minħabba li dan ir-rikors u t-talbiet tiegħu huma bbażati primarjament fuq id-Dritt Ewropew, għalhekk jiskatta wkoll l-applikazzjoni tal-Karta Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*

***32.*** *F'każ li din l-Onorabbli Qorti dwar is-suespost issib nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali fl-applikazzjoni tad-Dritt Ewropew kif fuq spjegat, dan ikun jikkostitwixxi wkoll ksur ta' Artikolu 47 u 48 tal-Karta Ewropea, fejn id-dritt ta' smigħ xieraq jkun jirriżulta mill-applikazzjoni*

*ħażina tad- Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI).*

***<u>Responsabilità tal-Istat skont id-Duttrina ta' Francovich</u>***

***33.*** *Illi di più il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawżi C 6/90 u C 9/90 Andrea Francovich u Danila Bonifaci u oħrajn v Repubblika Taljana waqqfet id-duttrina dwar ir-responsabbilità tal-Istat fejn Stat Membru jrid jagħmel tajjeb għad-danni jekk kwalunkwe organu tiegħu (f'dan il-każ il-Pulizija u l-Qorti tal-Maġistrati) japplika b'mod żbaljat id-dritt Ewropew.*

***34.*** *Illi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'paragrafi 35-37 tal-każ ċitat fuq sabet li '35 Jirriżulta li l-prinċipju tar-responsabbiltà ta' l-Istat għad-danni kawżati lill-individwi minħabba l-vjolazzjonijiet tal-liġi Komunitarja li kien ħati għalihom, huwa inerenti għas-sistema tat-Trattat. 36 L-obbligu ta' l-Istati membri għal kumpens tad-danni jsib il-bażi tiegħu wkoll fl-Artikolu 5 tat-Trattat, li jgħid li l-Istati membri huma marbuta jieħdu l-miżuri kollha ġenerali jew partikolari adatti biex jassiguraw l-eżekuzzjoni ta' l-obbligi tagħhom li joħorġu mid-dritt Komunitarju. Fost dawn l-obbligi hemm dik li jiġu jitneħħew il-konsegwenzi illeċiti ta' vjolazzjoni tal-liġi Komunitarja (ara, fir-rigward ta' dispożizzjoni analoga ta' l-Artikolu 86 tat-Trattat tal-KEFA, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1960, Humblet, 6/60, Ġabra. p. 1125). 37 Jirriżulta, minn dak kollu li ntqal, li l-liġi Komunitarja timponi l-prinċipju li l-Istati membri huma obbligati li jikkumpensaw id-danni kkawżati lill-individwi mill-ksur tagħhom tad-dritt Komunitarju.'*

***35.*** *Illi din il-Qorti għandha għalhekk ukoll tillikwida danni skont id-duttrina tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stabilita fil-każ ta' Francovich.*

***<u>Ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta</u>***

***36.*** *Illi d-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali datati 13 ta' Mejju 2020 u 20 ta' Mejju 2021 m'humiex motivati biżżejjed biex l-esponent ikun jista' jifhem sew għaliex il-Qorti mhux qed tilqa' it-rikorsi tiegħu u b'hekk ġie ippreġudikat biex jaghmel u jkompli id-difiża tiegħu.*

***37.*** *Illi fuq dan is-suġġett il-Qrati Kostituzzjonali diġà ippronunzjaw ruħhom f'dan l-aspett, u ċioè d-digrieti għandhom ikunu motivati. Kif jista' l-esponenti jkollu smiegħ xieraq jekk ma jafx għaliex ir-rikors tiegħu datat Marzu 2021 ġie miċħud? Illi għalkemm ic-cirkostanzi huma diversi, is-sustanza hija l-istess u cioè l-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020 fis-sentenza* ***Nadia Vella u Christopher Craven v l-Avukat Generali u b'digriet ta' l-20 ta' Jannar 2020 illum Avukat tal-Istat, u Joseph Camilleri u dan tal-aħħar għal kull interess li jista' jkollu*** *(62/16 JZM), qalet is-segwenti: "****Hu essenzjali li digrieti ta' dik ix-xorta, li bħalhom jingħataw diversi waqt proċeduri fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), ikunu motivati b'mod ċar. Il-partijiet għandhom dritt ikunu jafu r-raġuni li tkun waslet lill-Qorti sabiex tieħu deċiżjoni bħal dik****.*

***38.*** *Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenzi Ajdaric v Croatia, Nru. 20883/09, u Suominen v Finland, Nru. 37801/97 sabet ksur ta' Artikolu 6(1) meta l-Qrati Nazzjonali naqsu li jagħtu motivazzjoni adekwati fid-deċiżjonijiet tagħhom.*

***39.*** *Illi wieħed mill-pilastri tad-dritt għal smiegħ xieraq huwa li s-sentenzi u d-digrieti ikunu motivati ankè għaliex mingħajr tali motivazzjoni l-parti ma tistax adegwatament tieħu passi u tagħmel sottomissjonijiet biex timpunja dawk id-deċiżjonijiet, u deċiżjoni mingħajr motivazzjoni hija waħda li għandha propju minħabba dik ir-raġuni tiġi dikjarata nulla u invalida;*

***40.*** *Illi din il-Qorti għandha ghalhekk isib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li d-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati bhala Qorti ta' Ġudikatrura Kriminali datati 13 ta' Mejju 2020 u 20 ta' Mejju 2021 fil-proċeduri mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 ma humiex motivati u huma leżivi tad-dritt fundamentali tal-esponent għal smiegħ xieraq;*

***41.*** *Illi inoltrè l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali naqset li tagħti smiegħ xieraq lill-esponent fil-proċeduri mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 billi injorat għal kollox il-prinċipji ta' dritt Ewropew fuq imsemmija u b'mod partikolari the rule of speciality u baqgħet tinsisti li tikkonduċi proċeduri kontra l-esponent li fihom huwa qiegħed jiġi pproċessat ta' reati li ma hemm ebda awtorizzazzjoni biex jiġi*

*pproċessat dwarhom, u dan minnu nnifsu jwassal għal ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

***<u>Rimedju</u>***

**42.** *Illi r-rimedju għal-lanjanzi tal-esponenti għandu jpoġġi lill-esponent fil-pożizzjoni li kien fiha qabel il-vjolazzjonijiet hawn lamentati u għalhekk l-esponent isostni li tali rimedju għandu jinkludi t-tħassir tad-digrieti hawn impunjati, ordni biex il-proċeduri kontra l-esponent pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri dwar Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali fit-totalità tagħhom jiġu differiti sine die għal meta u wara li ma jibqgħux fis-seħħ l-effetti tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI, u l-ħlas ta' kull kumpens jew danni dovuti lilu, flimkien ma' kwalsijasi ordni jew rimedju ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq jew opportun.*

***<u>Urġenza</u>***

**43.** *Illi minħabba l-fatt li l-proċeduri kriminali li minnhom qed jillamenta l-esponent għadhom għaddejjin u l-prosegwiment tagħhom sejjer ikompli jippreġudika d-dritt tal-esponent għal smiegħ xieraq jekk ma jiġux deċiżi l-punti sollevati f'din il-kawża, l-esponent qed jitlob li din il-kawża tinstema' bl-urġenza;*

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors promotur (fol 16 sa fol 135).

Rat id-digriet tagħha, kif diversament preseduta, tal-21 ta' Ġunju 2021 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għat-13 ta' Lulju 2021 fl-11:45 a.m.

Rat ir-**risposta** tal-**Avukat tal-Istat** u l-**Kummissarju tal-Pulizija** ntavolata fit-12 ta' Lulju 2021 (fol 138) li permezz tagħha eċċepew:

*1.1 Illi <u>in linea preliminari</u>, ġaladarba r-rikorrent qed jilmenta li d-drittijiet fundamentali tiegħu għal dak li għandu x'jaqsam smigħ xieraq qed jiġu allegatament leżi, l-esponenti jisħqu li din mhix il-proċedura appożita u dan mhux il-forum adattat sabiex jiġu deċiżi tali kwistjonijiet. Tali lmenti kellhom jiġu ppreżentati **quddiem il-Prim'Awla fil-vesti kostituzzjonali tagħha**;*

1.2. *Illi <u>in linea preliminari ukoll u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti</u>, it-talba għall-ħruġ ta' miżura provviżorja m'għandhiex tintalab quddiem din l-Onorabbli Qorti. It-talba għal miżura provviżorja kellha tiġi ppreżentata wkoll* ***quddiem il-Prim'Awla fil-vesti kostituzzjonali tagħha****;*

2. *Illi <u>in linea preliminari ukoll u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti</u>, dak li qed jitlob ir-rikorrent imur oltre l-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti. Mhux xieraq li din l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ssir qorti ta' reviżjoni jew qorti tat-tielet appell għal deċiżjonijiet meħuda minn qrati kompetenti. Mhux l-irwol ta' din l-Onorabbli Qorti li tissospendi proċess kriminali, li proċeduri kriminali mibdija skont il-liġi jiġu differiti sine die, li tħassar digrieti ta' qrati oħra u li tagħti kumpens jew danni mhux naxxenti minn dejn ċert, likwidu u dovut;*

3. *Illi <u>in linea preliminari ukoll u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti</u>, il-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija inapplikabbli għall-każ preżenti għaliex id-drittijiet naxxenti minn tali Karta huma eżerċitabbli biss fil-parametri tal-applikazzjoni tal-oġġett u tal-iskop tad-Dritt Komunitarju u ċjoe d-Dritt Ewropew, u dan kif jipprovdi l-Artikolu 51 tal-istess Karta. Il-kwistjoni preżenti titratta purament l-obbligu tar-rikorrent li jaderixxi ruħu mal-liġi Maltija ġaladarba jinsab hawn Malta u l-ebda rule of speciality ma tista' qatt tiġi nterpretata b'mod u manjiera li jekk persuna qed tikser il-liġi tal-pajjiż li tinsab fih, dak il-pajjiż ma jistax jipproċedi kontriha;*

4. *<u>Illi in linea preliminari ukoll u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti</u>, id-Duttrina ta' Frankovich mhix applikabbli ghall-każ odjern għaliex, kif ser jiġi spjegat f'din ir-risposta, ma kien hemm l-ebda ksur tad-Dritt Ewropew u, konsegwentement, l-ebda danni ma huma mistħoqqa;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, għal dak li għandu x'jaqsam mal-<u>mertu</u>, l-esponenti qed joġġezzjonaw bil-qawwa għall-allegazzjonijiet u għat-talbiet infondati fil-fatt u fid-dritt tar-rikorrenti u dan għar-raġunijiet hawn taħt imsemmija;*

6. *Illi l-esponenti jiddikjaraw fermament li kemm il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll il-Pulizija bħala Prosekuturi, dejjem imxew skont id-disposizzjonijiet tal-liġi Maltija għaliex ġaladarba persuna tinsab Malta, għandha tapplika l-liġi Maltija fil-konfront tagħha;*

7. *Illi għal dak li għandu x'jaqsam mat-talba għall-ħruġ ta' miżura provviżorja, huwa evidenti li* ***ma hemmx*** *ċirkostanzi daqshekk gravużi li jimmilitaw favur il-ħruġ ta' miżura proviżorja għaliex ma hemmx kwistjoni ta' theddida fuq il-ħajja jew l-inkolumità fiżika. Kif osservat din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Rosette Thake et vs Prim Ministru et (Atti tar-rikors 50/16/1 JRM): "biex jista' jinghata rimedju provvizorju, jehtieg li min jitolbu juri li hemm kaz prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti tal-mizura provvizorja serja ggib hsara li ma titreggax lura fil-kaz tieghu." F'dan il-każ ma jirriżulta l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali, lanqas prima facie. Wieħed ma jridx jinsa li l-ġustizzja titlob li kull persuna għandha teżegwixxi l-obbligi tagħha skont il-liġi u jekk dan ma jsirx, kull persuna għandha tħallas tal-ħażin li tkun għamlet skont it-termini tal-liġi;*

8. *Miżura proviżorja hija mezz* ***eċċezzjonali u straordinarju*** *li tiġi adottata b'mod ristrett għall-aħħar ġeneralment meta: "there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm" u meta jkun ippruvat mingħajr ebda ekwivoċi, li hemm "an alleged risk to life or ill treatment". Dan jiffigura normalment f'każijiet ta' deportazzjoni u espulsjoni għal Stati fejn ir-riskju għall-ħajja huwa kbir u ċjoe f'każijiet fejn il-lanjanza tirrigwarda ksur tal-artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni. Fil-fatt, il-Qorti Ewropea fil-"Factsheet - Interim measures" ta' Jannar 2019 tirreferi għar-Regola numru 39 tar-Rules of Court tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u dwar it-tifsira u l-użu tal-proċedura eċċezzjonali interim tispjega li -:*

   *"Interim measures are* ***urgent measures*** *which, according to the Court's well-established practice,* ***apply only where there is an imminent risk of irreparable harm****. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question.* ***In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition****. The Court grants such requests for an interim measure only on an* ***exceptional basis, when the applicant would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm*** *…*

   *In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the application is being examined. The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would* ***fear for***

***their lives** (thus engaging Article 2 of the Convention) or would face **ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment)**…*

***In the Court's case-law as it currently stands, Rule 39 is not applied, for example, in the following cases : to prevent the imminent demolition of property, imminent insolvency, the enforcement of an obligation to do military service, to obtain the release of an applicant who is in prison pending the Court's decision as to the fairness of the proceedings, to ensure the holding of a referendum, or to prevent the dissolution of a political party."*** *(Enfasi miżjud)*

9. *Minn eżami ta' din il-fact-sheet, jidher univokament li tali miżuri jintużaw biss meta jkun jirriżulta: riskju gravi għall-ħajja jew għal għomor il-ħabs jekk persuna tiġi estradita, riskju ta' tortura, persekuzzjoni għal raġunijiet politiċi, etniċi jew reliġjużi, riskju ta' tħaġġir għal adulterju, riskju li persuna tiġi suġġetta għal mutilazzjoni ġenitali jew li tiġi sfruttata sesswalment, fost oħrajn – **u mhux sabiex jgħinu lir-rikorrent ikompli jaħrab mid-doveri tiegħu għal dak li għandu x'jaqsam ħlas ta' manteniment lill-familja tiegħu għaż-żmien li huwa kien preżenti hawn Malta**;*

10. *Illi permezz ta' tali miżura, ir-rikorrenti qed jittanta għall-enneżimu darba, jaħrab mill-obbligi tiegħu u mill-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tiegħu billi joħloq xenarju fittizju u li għal ftit jidher ikkumplikat, unikament sabiex joħloq konfużjoni rigward leżjoni o meno ta' drittijiet, **meta proprjament huwa r-rikorrent dak li qed jikser id-dritt ta' familtu għall-manteniment** u b'dawn il-proċeduri qed jipprova jiżvija lil din l-Onorabbli Qorti u dan ma jista' qatt jiġi aċċettat;*

11. *Illi l-esponenti jagħmlu referenza għall-każ Kingsley Wilcox vs Avukat Ġenerali (rikors numru 101/2018RGM) fejn permezz ta' digriet datat 5 ta' Diċembru 2019, il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) ċaħdet it-talba tar-rikorrent għal interim measure wara li r-rikorrent kien l-ewwel ressaq ċerti talbiet quddiem il-Qorti Kriminali li ġew miċħuda u mbagħad reġa' ntavola l-istess talbiet quddiem il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali). Dawn il-manuvri m'għandhomx jiġu permessi;*

12. *Illi l-Qorti Kostituzzjonali rriteniet hekk fil-kaz* <u>*Angelo Frank Paul Spiteri v L-Avukat Generali*</u> *(9 ta' Jannar 2017): "Fl-ewwel lok jigi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejha interim measures huwa car l-insenjament ta' din il-Qorti li tali mizuri ghandhom jittiehdu biss f'kazijiet ta' urgenza u sahansitra f'kazijiet ta' "urgenza estrema" fejn in-nuqqas ta' tehid ta' tali mizuri jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fi hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-parti koncernata jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti jkun jehtigilha taghmel. Din il-Qorti rriteniet ukoll li mizuri ad interim huma indikati f'kazijiet eccezzjonali. [Q. Kost. Federation of Estate Agents v. Direttur Generali [Kompetizzjoni, deciza 25 ta' Settembru, 2014).";*

13. *Fid-deċiżjonijiet li ġejjin, talbiet għar-rimedju proviżorju pendenti l-***<u>*proċeduri kostituzzjonali*</u>** *ġew kollha miċħuda bil-qawwa;*

   i. <u>*Joseph Camilleri vs. Avukat Ġenerali*</u> *mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Lulju 2013;*
   ii. <u>*Martin Dimech vs. Avukat Ġenerali*</u> *mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-17 ta' Settembru 2013;*
   iii. <u>*Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et*</u> *mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta'April 2014;*
   iv. <u>*Stephen Pirotta vs. Avukat Ġenerali et*</u> *tad-19 t'April 2016 deċiż mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali);*
   v. <u>*Rosario sive Sario Sultana vs Avukat Ġenerali u Spettur Louise Calleja*</u> *tat-3 ta' Novembru 2016 deċiż mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali);*
   vi. <u>*Trevor Bonnici vs L-Avukat Ġenerali*</u> *tat-30 ta' Mejju 2016 deċiż mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali);*
   vii. <u>*Av. Larry Formosa ghan-nom u in rappresentanza tal-imsiefer Daniel Gill (Passaport tar-Renju Unit Numru : 801159683) kontra L-Avukat Ġenerali*</u> *tat-30 ta' Novembru 2017 deċiż mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali);*
   viii. <u>*Mark Formosa vs L-Avukat Ġenerali*</u> *tal-14 ta' Diċembru 2017 deċiż mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali);*

14. *Illi għalhekk fuq l-iskorta tal-insenjament tal-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana (***Prim'Awla fis-Sede Kostituzzjonali jew Qorti Kostituzzjonali***), jinkombi fuq ir-rikorrenti li juri li (a) għandu dritt prima facie li nkiser; u (b) li se sseħħ ħsara rrimedjabbli f'każ li t-talbiet tiegħu*

*ma jintlaqgħux. Dawn iż-żewġ rekwiżiti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li għandhom jiġu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talba tar-rikorrenti tkun tista' tiġi kkunsidrata minn dina l-Onorabbli Qorti;*

15. *Illi dan kollu juri b'mod lampanti li ma jeżisti l-ebda jedd prima facie spettanti lir-rikorrenti li jista' jinvoka bil-konsegwenza li dan ir-rekwiżit ma jinstabx sodisfatt;*

16. *Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni rekwiżit u cjoe l-ħsara rrimedjabbli, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti ma pprova l-ebda riskju reali u imminenti ta' danni serji u irreparabbli. Fil-verita', fil-każ preżenti huwa d-dritt tal-familja tar-rikorrenti għall-manteniment li ġie miksur u mhux id-drittijiet tar-rikorrent. Il-ħlas tal-manteniment lill-familtu żgur li mhux ser joħloq ħsara rrimedjabbli lir-rikorrent iżda ċertament li tul dawn is-snin kollha, dan in-nuqqas min-naħa tar-rikorrent ħoloq ħsara gravi lill-familtu għas-snin kollha li huma għexu mingħajr sapport finanzjarju;*

17. *Illi għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-allegat ksur u misapplikazzjoni tal-Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew (2002/584/JHA), l-esponenti jopponu bil-qawwa għal dak li qed jiġi allegat għaliex l-esponenti mxew skont id-disposizzjonijiet ta' tali artikolu, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest huwa essenzjali li ssir referenza għal dak li ġie mgħallem f'deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fil-każ* ***C-388/08 PPU Criminal proceedings against Artur Leymann and Aleksei Pustovarov*** *(ECLI:EU:C:2008:669), li jittratta dwar l-interpretazzjoni tas-subartikolu (3)(c) tal-Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru:*

*"72 The exception in Article 27(3)(c) of the Framework Decision concerns a situation in which the criminal proceedings do not give rise to the application of a measure restricting personal liberty.*

*73 It follows that, in the case of that exception,* ***a person can be prosecuted and sentenced for an 'offence other' than that for which he was surrendered, which gives rise to a penalty or measure involving the deprivation of liberty, without recourse being necessary to the consent procedure, provided that no measure***

***restricting liberty is applied during the criminal proceedings. If however, after judgment has been given, that person is sentenced to a penalty or a measure restricting liberty, consent is required in order to enable that penalty to be executed.***

*74 That interpretation also reflects the provisions of Article 10(1)(b) of the 1996 Convention [The Convention relating to extradition between the Member States of the European Union, signed on 27 September 1996], as is made clear by the explanatory report to that convention, approved by the Council on 26 May 1997 (OJ 1997 C 191, p. 13). According to that report,* ***a requesting Member State may start or continue prosecution, or try a person, for acts other than those for which he was extradited, even where the offence is punishable by a sanction restricting personal liberty, to the extent that the person is not, either during or as a result of the proceedings, restricted in his personal liberty.*** *Thus, according to the report, if the person concerned is sentenced to a penalty or a measure involving deprivation of liberty, t****hat sentence may not be executed unless the requesting Member State obtains the consent either of that person or the requested State."*** *(enfasi miżjud)*

18. *Dan ifisser allura li sakemm il-proċeduri kriminali mibdija kontra r-rikorrenti rigwardanti l-manteniment għadhom pendenti,* ***dawn il-proċeduri huma legali u jistgħu jibqgħu għaddejjin****. Huwa biss meta l-proċeduri jaslu fi stadju fejn il-Qorti tikkundanna l-persuna kkonċernata għal piena jew għal miżura li tirrestrinġi l-libertà personali, li l-kunsens irid jintalab mill-Awtoritajiet tar-Renju Unit u dan sabiex dik is-sentenza tkun tista' tiġi esegwita;*

19. *Illi għaldaqstant, il-lanjanza tar-rikorrent dwar l-allegat ksur u misapplikazzjoni tal-Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru ma treġix; u wisq anqas ma treġi dik dwar allegat ksur tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, peress illi tali lanjanza hija essenzjalment marbuta mal-allegat ksur tal-provvedimenti sostantivi tad-Dritt Ewropew dwar l-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew;*

20. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat in-nota tar-rikorrent Dr Partick Spiteri intavolata fid-29 ta' Settembru 2021 (fol 150) li permezz tagħha ppreżenta affidavit tiegħu stess b'dokumenti annessi (fol 151 sa fol 195.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2021 xehed Dr Partick Spiteri u ppreżenta żewġ dokumenti (Dok PS1 u Dok PS2, fol 202 u fol 203). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tar-rikorrent li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Rat il-provvediment tagħha, kif diversament preseduta, tal-15 ta' Diċembru 2021 fejn il-Qorti ddeċidiet is-segwenti:

> *Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur għall-ħruġ ta' miżura proviżjora ossia interim measure hekk kif mitluba f'talba mmarkata "i(b)" fir-Rikors Ġuramentat u ċioe sabiex tiġi ordnata immedjatament is-sospensjoni tal-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mibdija permezz ta' Ċitazzjoni bin-Numru MAC-00401-2018-6 għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri dwar Artikolu 338(z) sakemm tinqata' il-kawża odjerna (ossia Rikors Ġuramentat bin-Numru 583/2021).*

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Marzu 2022, xehed Dr Patrick Spiteri in kontroeżami u in ri-eżami.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Mejju 2022, reġa' xehed Dr Patrick Spiteri u ppreżenta tmien dokumenti (Dok EAW1 sa Dok EAW8, fol 265 sa fol 361).

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Ġunju 2022 id-difensur tal-intimati Avukat tal-Istat u Kummissarju tal-Pulizija ddikjarat li ma kelliex aktar provi xi tressaq.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali estensivi tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju 2023, wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet il-kawża setgħet titħalla għal-lum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi r-rikorrent **Dr Patrick Spiteri** fl-affidavit tiegħu jgħid li hu żżewweġ lill-ex martu, Sylvana Xuereb, fit-3 ta' Diċembru 1997 u hu separat *de facto* mis-sena 2005. Jgħid li minn din ir-relazzjoni kellu tifel wieħed, Sebastian Spiteri, li twieled fis-6 ta' Diċembru 1997 u li llum jgħix fir-Renju Unit. Jispjega li għandu relazzjoni tajba ħafna ma' ibnu u saħansitra għex miegħu għal numru ta' xhur fi żminijiet riċenti. Jispjega li ibnu ilu finanzjarjament indipendenti għal diversi snin.

Jispjega li l-ex mara tiegħu kellha assi parafernali li jinkludu proprjetà u flus kontanti u għalhekk qatt ma kellha bżonn support finanzjarju min-naħa tiegħu. Jgħid li minkejja dan kien ordnat iħallas is-somma ta' elf Ewro (€1,000) fix-xahar bħala manteniment tagħha u t'ibnu, tali ammont qiegħed jiġi kkontestat fi proċeduri separati.

Jgħid li hu beda jmur regolari fir-Renju Unit għal skopijiet mediċi f'Ġunju tal-2013 minħabba kondizzjoni medika li beda jsofri minnha fl-2012. Jispjega li kien imur ir-Renju Unit spiss għal iktar testijiet mediċi u f'Diċembru 2013 baqa' fir-Renju Unit minħabba li l-kundizzjoni li kellu ma ppermettietx li jivvjaġġa aktar bl-ajru u baqa' fir-Renju Unit sal-2017. Jispjega li ġie determinat li jsofri minn Bechet's Syndrome, liema marda m'hawnx fejqan għaliha iżda s-sintomi tagħha jistgħu jiġu kkontrollati.

Jgħid li madwar Novembru 2014 ġie notifikat b'diversi mandati t'arrest Ewropej, liema mandati ħarġu minn Malta u nġiebu a konjizzjoni tal-awtoritajiet Brittaniċi. Jgħid li l-awtoritajiet Ingliżi mexxew skont l-obbligi tagħhom u f'dak il-perjodu hu baqa' residenti fir-Renju Unit u qatt ma ta l-kunsens tiegħu biex jiġi Malta għal raġunijiet purament mediċi.

Jispjega li l-proċess ġuridiku fir-Renju Unit spiċċa madwar Jannar tal-2016 meta l-Qrati Ingliżi ordnaw ir-ritorn tiegħu lejn Malta limitatament għal ċertu akkużi biss, liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata fl-appell. Jgħid li minkejja dan, il-qagħda medika tiegħu ma kinitx tajba biżżejjed sabiex jivvjaġġa lejn Malta u ġie lura f'Mejju 2017 meta aċċetta li jiġi lura Malta għall-iskopijiet biss tal-Mandat Ewropew u meta s-sitwazzjoni medika tiegħu tjiebet ftit u saru arranġamenti biex tabib mqabbad minn Malta jakkompanjah fil-vjaġġ. Jispjega li fil-frattemp kien hemm delegazzjoni tal-Pulizija li telgħet fir-Renju Unit sabiex tieħdu lura Malta.

Jgħid li wara li ġie Malta fil-31 ta' Mejju 2017, il-Pulizija Eżekuttiva ressqet akkuża ta' reat kontinwat permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 talli bejn l-1 ta' Marzu 2014 u l-31 ta' Marzu 2018 naqas milli jagħti manteniment allegatament dovut ai termini tal-Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali Maltija.

Jispjega li fit-28 ta' Frar 2019, huwa intavola Nota quddiem il-Qorti tal-Maġistrati b'Ġudikatura Kriminali fejn eċċepixxa li l-proċeduri quddiem dik il-Qorti ma setgħux jipproċedu billi hu kien qiegħed Malta bis-saħħa ta' mandat t'arrest Ewropew u għalhekk bis-saħħa ta' dik li tissejjaħ *the rule of speciality* ma setax jiġi mħarrek u l-Qorti tal-Maġistrati ma tistax tisma' akkuża dwar allegati reati kommessi fil-perjodu qabel ma ġie Malta bis-saħħa ta' dak il-Mandat.

Jgħid li l-fatt li l-akkuża skont l-Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali hija dwar reat kontinwat, mhux ikkontestat mill-parte ċivile, li aċċettat dan fin-nota responsiva tagħha. Jispjega li b'digriet tat-23 ta' Settembru 2019, il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali ordnat il-prosegwiment tal-kawża in kwantu u limitatament fir-rigward tal-allegati reati kommessi wara li treġġa lura in forza tal-mandati ta' arrest fuq imsemmi.

Jispjega li fit-28 ta' Frar 2020, huwa intavola rikors quddiem l-istess qorti fejn talab li l-imsemmi digriet jiġi revokat *contrario imperio* u minflok tordna li l-proċeduri jiġu differiti *sine die* riappuntabbli fuq talba tal-prosekuzzjoni wara li jiġi milħuq wieħed mir-rekwiżiti tal-Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar il-mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri jew alternattivament tagħmel rinviju preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzju tal-Unjoni Ewropea skont il-proċedura tal-Artikolu 267 TFEU. Jgħid li permezz ta' digriet datat 13 ta' Mejju 2020, il-Qorti żammet mad-digriet preċedenti taghha.

Jgħid li fl-10 ta' Marzu 2021, huwa ntavola rikors quddiem l-istess Qorti fejn qajjem diversi punti ta' dritt Ewropew direttament relevanti għall-punti tal-liġi u ta' fatti marbuta ma' dik il-kawża u li ma kinux tqajmu qabel u talab li jiġu revokati *contrario imperio* d-digrieti tat-23 ta' Settembru 2019 u tat-13 ta' Mejju 2020, biex il-proċeduri jkunu konformi mal-interpretazzjoni tad-dritt Ewropew skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tordna li l-proċeduri jibqgħu *sine die* għal meta u wara li ma jibqgħux fis-seħħ l-effetti tad-Deċiżjoni Kwadru.

Jispjega li l-Qorti wara li rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija tat digriet li jżomm ferm ma' dak ordnat minnha qabel mingħajr ma tat ebda motivazzjoni għad-deċiżjoni tagħha. Konsegwentament, fid-9 ta' Ġunju 2021, intavola rikors quddiem l-istess Qorti fejn talab lill-Qorti tindika in linea mal-prinċipji Kostituzzjonali u d-dritt Ewropew il-motivi li abbażi tagħhom ġiet miċħuda t-talba tiegħu, l-eżitu ta' liema għadu mhux magħruf lilu.

Jispjega li meta ra li l-Qorti tal-Maġistrati kienet ser tibqa' għaddejja tisma' l-każ hu ddeċieda li jagħmel din il-kawża peress li t-tkomplija ta' dawk il-proċeduri kienet tfisser li qed jiġu miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamental tal-Bniedem.

Jirreferi għall-proċeduri diversi quddiem il-Qrati tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ċjoè l-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) vs Patrick Spiteri (Każ Nru 963/2004)** deċiża fl-20 ta' Lulju 2020 fejn il-Qorti kkonkludiet li l-Qorti m'għandha l-ebda kompetenza tkompli tisma` l-kawża għaliex ir-regola tal-ispeċjalità hija effettivament impediment għat-tkomplija ta' dawn il-proċeduri u b'hekk astjeniet. Kif ukoll id-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Paul Vassallo) vs Patrick Spiteri (Każ Nru 41/2003)** deċiża fid-19 ta' Lulju 2021 fejn il-Qorti kkonkludiet li għall-istess raġunijiet kelli tastjeni milli tkompli tisma` l-każ.

In kontroeżami jikkonferma li ilu separat *de facto* mis-sena 2005 u l-ex martu bdiet il-proċeduri tas-separazzjoni fl-2007, liema proċeduri għadhom pendenti stante li l-provi tagħha ngħalqu fl-2020 u beda bil-provi tiegħu f'Diċembru tas-sena 2020.

Jispjega li hu ħallas il-manteniment għas-snin 2012 u 2013, imbagħad ma setax ikompli jħallas minħabba li marad u ma setax jaħdem. Jgħid li l-mandati ta' arrest Ewropew inħarġu minħabba li kien hemm kawżi pendenti kontrih f'Malta.

Mistoqsi dwar id-delegazzjoni tal-Pulizija li telgħet għalih fir-Renju Unit jgħid li kienu ġabruh u kien mar magħhom fl-ajruport ta' Heathrow iżda l-Gvern Ingliż ma kienx ħareġ l-aħħar permess biex jiġi estradit mill-pajjiż minħabba raġunijiet ta' saħħa. Jgħid li meta ġie lura nżamm fil-ħabs għal seba' (7) xhur.

Jispjega li fil-fehma tiegħu meta huwa reat kontinwat, ir-*rule of speciality* għandha tapplika kemm għall-perjodu ta' qabel u kemm għal ta' wara li ġie Malta bis-saħħa ta' dak il-mandat.

Mistoqsi jekk sa dakinhar tal-kontroeżami kienx sar jaf l-eżitu tal-aħħar rikors li ntavola, fuq imsemmi, jgħid li ma ġiex milqugħ. Mistoqsi ukoll jekk is-sentenzi ċitati fejn it-talbiet tiegħu ġew milqugħa kienux dwar reati li ma seħħewx mill-2017 'l quddiem, u ċjoè minn meta rritorna Malta, jgħid li kienu dwar reati li seħħew fis-snin

preċedenti, mentri dawk pendenti u in kwistjoni kienu reati kontinwi li seħħew kemm qabel u kemm wara. Jgħid ukoll li r-reati l-oħra ma kinux ta' natura kontinwati.

Mistoqsi jekk appellax mid-digrieti fuq imsemmija tal-Qorti tal-Maġistrati jgħid li mill-pariri li ngħata ma setax jappella.

F'ri-eżami, ix-xhud ippreżenta kopja ta' tmien Mandati t'arrest Ewropew. Jispjega li EAW1, EAW7 u EAW7 kien *partly discharged* u ċjoè ftit mill-akkużi kienu twaqqgħu u l-Maġistrati f'dawn il-kawżi kollha aċċettaw li minħabba l-liġi ta' speċjalità fir-rigward tal-akkużi, huwa ma setax jitressaq f'Malta. Fir-rigward ta' EAW4 u EAW5 jispjega li ġew *discharged in full* u għalhekk il-Qrati Maltin iddeċidew li m'għandhomx kompetenza fuqhom. Jgħid li fil-każ ta' EAW3 nstab mhux ħati.

Mistoqsi in kontroeżami dwar proċeduri oħra li għandu pendenti quddiem il-Qrati tal-Maġistrati, jgħid li dawn jirrigwardaw fatti li seħħew qabel l-2001.

In sostenn tal-fatti, ir-rikorrent ippreżenta diversi dokumenti li għamel referenza għalihom u l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mis-**sottomissjonijiet** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Illi r-**rikorrent,** fis-sottomissjonijiet tiegħu jgħid li dawn il-proċeduri jitrattaw prinċipalment l-interpretazzjoni tal-Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru (Framework Decision) tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2022 fuq il-mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/GAI) u kif din tapplika mal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE u f'dan il-każ kif tapplika u trid tinħadem mal-Artikolu 338z ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jikkontendi li hu ċar li skont l-imsemmi Artikolu 27, meta persuna tinġieb f'Malta minħabba l-operazzjoni ta' Mandat t'Arrest Ewropew, dik il-persuna ma' tistax tiġi pproċessata u potenzjalment tingħata piena li tinvolvi t-telf tal-liberta fuq akkużi li m'għandhomx x'jaqsmu mal-arrest Ewropew. Id-deċiżjoni kwadru illum hija strument legali regolat mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iżda anke qabel it-Trattat ta' Lisbona kellha effett dirett skont ġurisprudenza ta' **Pupino** (C-105/03).

Jispjega li d-Deċiżjoni Kwadru hija implimentata permezz tal-Artikolu 25 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta), u kif ukoll l-Liġi Sussidjarja 276.05 u stante li dawn qed jimplimentaw id-deċiżjoni kwadru, qatt ma jistgħu jiġu interpretati f'iżolament iżda dejjem in konsistenza magħha.

Jgħid li għalkemm id-Deċiżjoni Kwadru mhux applikabbli b'mod dirett fil-Qrati Maltin, l-effett u r-riżultat tagħha japplikaw u jorbtu idejn il-qorti nazzjonali meta tkun qed tapplika d-dritt lokali u għalhekk il-Qorti nazzjonali hija obbligata li timxi mat-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru anke jekk ikun hemm diskrepanza dwar it-tifsira bejnha u bejn il-liġi lokali li tkun qed timplimentaha.

Oltre minn hekk, jispjega li f'każ li hemm ksur tad-dritt Ewropew tiskatta l-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali kif protetti mill-Karta tad-Drittijiet

Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fejn l-Artikolu 6 tal-istess Karta jorbot lill-Istat Malti illi l-imputat ma jistax jeħel detenzjoni jew kwalunkwe kastig ieħor u lanqas jista' jiġi pproċessat minħabba applikazzjoni mhux preċiża tad-dritt Ewropew.

Jgħid illi d-Deċiżjoni Kwadru msemmija fl-Artikolu 27 tipprovdi dwar ir-regola tal-ispeċjalità li tfisser li persuna li tkun f'Malta biss minħabba l-eżekuzzjoni ta' proċedura pprovduta fid-Deċiżjoni Kwadru ma tistax tiġi akkużata u pproċessata bl-ebda forma ta' akkuża oħra sakemm ma taqax taħt l-eċċezzjoni tal-istess Artikolu. Jispjega li tista' tintalab eżenzjoni minn din l-eċċezzjoni li f'dan il-każ ma ntalbitx. Din ir-regola tapplika wkoll għax l-akkuża fil-kawża odjerna hija dwar allegat reat kontinwat li beda f'Marzu 2014 u baqa' għaddej sa Marzu 2018 u skont l-istess deċiżjoni ma jistgħux jinġiebu ebda akkużi fil-konfront tar-rikorrenti qabel ma ġie Malta anke jekk l-istess reat ikun għadu għaddej kontinwu sal-lum.

Isostni li kieku n-nuqqas ta' ħlas beda wara li nġieb Malta, kieku hu ovvju li Artikolu 27 ma japplikax, iżda l-allegat nuqqas ta' ħlas beda ferm qabel u kompla wara. Jgħid li sakemm kien fir-Renju Unit ir-rikorrent qatt ma seta' jinġieb Malta abbażi ta' Artikolu 338z u Malta qatt ma talbet permess mir-Renju Unit sabiex jiġi pproċessat taħt l-istess Artikolu u għalhekk il-Pulizija Eżekuttiva ma tistax tmexxi kontra r-rikorrent.

Jikkontendi li l-Qorti tal-Maġistrati kienet parzjalment korretta meta ordnat il-prosegwiment tal-kawża in kwantu u limitatament fir-rigward tar-reati kommessi wara li l-imputat treġġa' lura Malta iżda l-ispezzettar tal-istess akkużi u l-prosegwiment tal-akkużi li jirrigwardaw eżattament wara li nġieb f'Malta, ma setax isir minħabba s-segwenti raġunijiet:

1. Ir-reat taħt l-Artikolu 338z huwa reat istantanju li għall-fini ta' piena huwa reat kontinwat u huwa biss ċirkostanza ta' fatt illi, meta tiġi stabbilita tinduċi eċċezzjoni għall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi[1]. Jispjega li għalhekk għal fini ta' proċeduri u piena, il-Qorti Kriminali tqisu bħala reat kontinwat – fatt li mhux kontestat mill-parte civile.

2. Ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 9, reat kontinwat għandu jitqies bħala reat wieħed u għalhekk ir-rikorrent għandu d-dritt li jiġi pproċessat f'darba għal dak ir-reat u għalhekk meta l-Qorti tal-Maġistrati spezzettat ir-reat spiċċat biex poġġiet l-imputat fi żvantaġġ u dan bi ksur kemm tal-liġi penali u kemm tad-drittijiet fundamentali tiegħu għax ifisser li jista' jsoffri piena aktar.

3. L-għan tal-Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru hu li jipproteġi lir-rikorrent milli jiġi pproċessat minn akkużi li ma kienx jiġi pproċessat bihom kieku ma nġiebx Malta u dan biex jirrispetta s-sovranità tal-Istat Membru li bagħtu. Bl-istess mod kieku ma nġiebx Malta minħabba l-EAW, l-akkużi ta' wara li nġieb Malta ma kinux jistgħu jiġu pproċessati minħabba li kieku ma kienx jiġi Malta minn jeddu.[2]

---

[1] In sostenn ta' dan issir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Sammut** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Jannar 2021 u **Il-Pulizija vs Carmel Vella** deċiża fis-6 ta' Jannar 2012.

[2] Ara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea **Generalbundesanwalt beim Bundesgerichtshof** (C-195/20 PPU)

4. Sabiex l-imputat jiġi pproċessat fuq l-Artikolu 338(z) tal-Kap 9 ikun irid jintalab il-kunsens tar-Renju Unit, liema kunsens ma ntalabx.

Isostni li r-regola tal-ispeċjalità titlob li f'Malta jista' jiġi proċessat BISS għar-reati inklużi fl-EAW u mhux għal reati li potenzjalment bdew jitwettqu mir-Renju Unit u setgħu baqgħu jitwettqu mir-Renju Unit imma issa qed jitwettqu f'Malta għax inġieb Malta.

Jgħid li jekk din il-Qorti hija skomda li tabbraċċja dawn l-argumenti mela għandha qabel tgħaddi għas-sentenza finali tkun prudenti u teżerċita d-diskrezzjoni tagħha taħt l-Artikolu 267 TFUE biex tassigura l-uniformità tal-applikazzjoni tad-dritt Ewropew u tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar tliet mistoqsijiet hemmhekk elenkati.

Isostni li jekk kemm-il darba l-Istat Malti ma applikax b'mod korrett l-implimentazzjoni ta' Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru dan jiskatta r-responsabbilità ta' Malta bħala Stat Membru tal-UE u jkun jikkostitwixxi wkoll ksur ta' Artikolu 47 u 48 tal-Karta Ewropea fejn id-dritt ta' smigħ xieraq ikun jirriżulta mill-applikazzjoni ħażina tad-Deċiżjoni Kwadru ċitata. Jiċċita d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea **Francovich** li waqqfet id-duttrina dwar ir-responsabbilita tal-Istat fejn Stat Membru jrid jagħmel tajjeb għad-danni jekk kwalunkwe organu tiegħu japplika b'mod żbaljat id-dritt Ewropew u jgħid li konsegwentament din il-Qorti għandha tillikwida danni.

Jikkontendi li n-nuqqas ta' raġunijiet mogħtija fid-digrieti fuq ċitati wkoll jammonta għal-leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq għax id-digrieti jridu jkunu ben motivati u in sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-20 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet **Nadia Vella et vs L-Avukat Ġenerali et.** Isostni li għalhekk din il-Qorti għandha ssib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Min-naħa tagħhom **l-Avukat tal-Istat** u l-**Kummissarju tal-Pulizija**, isostnu li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma tapplikax fil-każ ojdern u dana stante li l-liġi Maltija u ċjoè l-Artikolu 25 tal-Kap 276 kif ukoll il-Ligi Sussidjarja 276.05 li għandu jmexxi lill-Qorti, u mhux id-dritt Ewropew u għalhekk ma tiġix invokata l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali iżda l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, kif jiġri fl-applikazzjoni ta' liġijiet oħra li ġejjin mid-dritt Ewropew.

Isostnu li l-kwistjoni preżenti titratta purament l-obbligu tar-rikorrent li jaderixxi ruħu mal-liġi Maltija ġialadarba jinsab hawn Malta u l-ebda *rule of speciality* ma tista' qatt tiġi interpretata b'mod u manjiera li jekk persuna qegħda preżentament tikser il-liġi tal-pajjiż li tinsab fih, dak il-pajjiż ma jistax jipproċedi kontriha.

Oltre minn hekk, xorta ma hemm ebda ksur tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta Ewropea għaliex il-Qorti dejjem applikat il-liġi kif suppost.

Jikkontendu li huwa maqbul li wieħed ma jistax jipproċedi fil-konfront ta' dak li ġara qabel ir-rikorrenti nġieb Malta iżda fejn ir-reat kien kommess wara allura r-regola tal-

ispeċjalità msemmija ma tistax tiġi nvokata għax ma tapplikax għall-każ preżenti stante li d-digrieti li qed jiġu attakkati mhux jagħmlu referenza għaż-żmien meta r-rikorrent ma kienx f'Malta. Oltre minn hekk, il-kawżi ċitati mir-rikorrent fejn il-Qorti tal-Maġistrati applikat ir-regola ta' speċjalità kollha jirreferu għal reati li seħħew qabel ma nġieb Malta mentri f'dan il-każ, ir-reat seħħ wara.

Fir-rigward tas-sottomissjoni tar-rikorrent li r-reat huwa wieħed kontinwat isostni li ir-reat kontinwat qed jiġi kkunsidrat bħala *fictio juris* u ċjoè assunzjoni u suppożizzjoni tal-liġi u għalhekk ma tistax tingħata immunità u impossibilità ta' prosekuzzjoni minħabba tali *fictio juris* u dana partikolarment minħabba l-fatt li dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent jmur b'mod gravuż kontra d-drittijiet tal-vittma u għalhekk isostni li m'għandux jiġi aċċettat minn din il-Qorti.

Jispjegaw li dak li ġie maqbul kemm mill-Qorti u kemm mill-Kummissarju tal-Pulizija hu li jitkompla s-smigħ tal-kawża għal akkużi ta' Ġunju 2017 sa Marzu 2018 u ċjoè meta kien Malta.

Isostnu li d-deċiżjoni tal-Maġistrat kienet ben motivata meta hi kwotat l-artikolu tal-liġi u ċjoè l-Artikolu 66 tal-Ligi Sussidjarja 276.05 u a bażi ta' dan ordnat il-prosegwiment tal-kawża għall-offiżi li seħħew wara r-ritorn tar-rikorrent f'Malta. Jispjegaw li għalhekk il-pożizzjoni meħuda hija waħda fejn ir-reat beda jseħħ minn meta r-rikorrent ġie lura Malta u għadu għaddej għal kull ġurnata li r-rikorrent jonqos milli jħallas il-manteniment dovut. Jgħidu li r-rikorrent bil-pretensjonijiet tiegħu donnu qed jippretendi li jikser il-liġi u l-istat jagħlaq għajnejh għal dan il-ksur u dana ċertament huwa inaċċettabbli.

Fir-rigward tad-dutrina ta' *Francovich* jikkontendu li din mhux applikabbli għal każ odjern u dana stante li l-Qorti trid tapplika l-liġi Maltija b'mod sħiħ u mhux fejn jaqblilha.

Isostnu li din il-Qorti la għandha s-setgħa u lanqas huwa l-irwol tagħha li tħassar digrieti ta' qorti kriminali u dana stante li għad hemm lok li r-rikorrent jappella mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati. Jikkontendu li mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tara jekk każ ġiex deċiż sew mill-qrati ordinarji għax b'hekk tkun qed tikser il-prinċipju taċ-ċertezza tad-dritt. Isostnu li r-rikorrent qed jagħmel minn kollox sabiex jaħrab il-ġustizzja u dan m'għandux jiġi aċċettat.

*Dato ma non concesso* li r-*rule of speciality* hija applikabbli, l-intimati jsostnu li sakemm il-proċeduri kriminali mibdija kontra r-rikorrent rigward il-manteniment għadhom pendenti, dawn il-proċeduri huma legali u jistgħu jibqgħu għaddejjin, huwa biss meta tasal għall-kundanna ta' piena jew miżura li tirrestrinġi l-libertà personali, li l-kunsens irid jintalab mir-Renju Unit u dan sabiex is-sentenza tkun tista' tiġi esegwita[3].

Isostnu li la darba r-rikorrent qed jilmenta wkoll li d-drittijiet fundamentali tiegħu ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni qed jiġu leżi, din il-proċedura kellha ssir quddiem il-Prim'Awla fil-vesti kostituzzjonali tagħha u dana stante li huma għal kollox distinti mill-proċedura ai termini tal-Artikolu 154 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minkejja dan, isostni li ma hemm l-ebda ksur tal-

[3] Ara C-388/08 PPU Criminal proceedings against Arthur Leymann and Aleksei Pustovarov

artikoli ċitati. Jispjega li għalkemm il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull ġudikat mhux neċessarju li din tkun waħda bilfors elaborata u tista tkun waħda skematika basta li minnha tkun tista tiġi individwata r-raġuni wara tali deċiżjoni. Jikkontendu li l-Qorti mxiet skont il-liġi Maltija li hija in linea mal-prinċipju tad-dritt Ewropew.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti l-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-intimati fir-risposti tagħhom:

**<u>Eċċezzjoni dwar il-*forum* addattat</u>**

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija eċċepew li la darba r-rikorrent qed jilmenta li d-drittijiet fundamentali tiegħu għal dak li għandu x'jaqsam smigħ xieraq qed jiġu allegatament leżi, isostnu li din mhix il-proċedura appożita u dan mhux il-*forum* addattat u tali lmenti kellhom jiġu ppreżentati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-vesti kostituzzjonali tagħha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva l-Artikolu 46(1), (2) u (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jgħidu testwalment hekk:

> *46. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkuntista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.*
>
> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqasabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ligħall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna*
>
> *(4) Kull parti fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.*

Il-Qorti tosserva li l-Artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta huwa kważi identiku għas-suespost.

Il-Qorti tqis illi l-artikolu surreferit jirreferi għall-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mingħajr ma jispeċifika li din għandha tkun fil-vesti kostituzzjonali tagħha. Minkejja dan, huwa guridikament korrett jingħad illi d-dritt kostituzzjonali jiġi nterpretat u applikat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede kostituzzjonali tagħha u jekk ikun hemm appell

minn din il-Qorti, dan isir lill-Qorti Kostituzzjonali. Minn din is-sentenza għall-kawża odjerna kif istitwita ma hemm ebda appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Fid-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Lulju 2015, fil-kawza **Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et**[4], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) qalet proprju hekk:

> *Kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz Perit Joseph Barbara et v On. Prim Ministru et (13 ta' Jannar 2015), "il-Kostituzzjoni fl-Art. 46 qieghda tistabbilixxi gurisdizzjoni specjali sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali kontemplati fil-Kostituzzjoni u ghal finijiet ta' din il-gurisdizzjoni specjali qeghda tistabbilixxi procedura specjali u tikkonferixxi certi setghat sabiex il-Qorti tezercita dik il-gurisdizzjoni specjali – tant li fl-Art. 46(6) u l-Art. 95(4) qeghda tikkontempla setghat zejda li jigu moghtija b'Att tal-Parlament sabiex 'il-Qorti tkun tista' effettivament tezercita l-gurisdizzjoni moghtija lilha b'dan l-artikolu*.

Il-Qorti tirreferi għalhekk għall-Liġi Sussidjarja 12.09 minn fejn jirriżulta ċar u ampju illi l-leġislatur ried illi jitratta proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) b'mod divers minn proċeduri ordinarji miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Ir-regolamenti msemmija, applikabbli għal proċeduri fi kwistjonijiet kostituzzjonali, jsibu posthom fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u mhux fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha.

Għalhekk ma hemmx dubju f'moħħ din il-Qorti li jekk kemm-il darba r-rikorrent ried jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, kif fil-fatt ghamel fil-kaz odjern, tali talbiet kellhom isiru quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha, bil-proċedura hemmhekk kontemplata.

**Għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tal-Kummissarju tal-Pulizija u mhix ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti li jikkonċernaw ksur tal-jeddijiet fundamentali ta' smigħ xieraq u ċjoè mis-seba' sat-tnax-il talba tar-rikorrent, kif kontenuti fir-rikors tiegħu.**

<u>**Eċċezzjoni dwar il-mizura provvizorja**</u>

Issir referenza għas-sentenza in parte tal-15 ta' Dicembru 2021 li ddeċidiet it-talbiet 1 a) u 1 b) tar-rikors ġuramentat u t-tieni eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimati, u l-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tippronunzja ruħha ulterjorment dwar l-istess msemmija talbiet u eccezzjoni.

Il-Qorti tqis li l-bqija tal-eċċezzjonijiet preliminari jistgħu u għandhom jiġu trattati mal-mertu tal-kawża.

[4] 26/2013LSO

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:**

Il-Qorti tibda' biex tqis illi l-proċeduri odjerni jirrigwardaw numru ta' digrieti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr Astrid May Vella, u fejn l-istess Maġistrat permezz tad-digriet tagħha tat-23 ta' Settembru 2019, sussegwentement ikkonfermat f'digrieti oħra illi jsegwu, iddikjarat il-prosegwiment tal-kawża fl-ismijiet Pulizija vs Patrick Spiteri *in kwantu u limitatament fir-rigward tar-reati kommessi* _wara_ *li l-imputat treġġa lura Malta in forza tal-Mandati t'Arrest* Ewropew maħruġa kontrih u dan ai termini tal-Artikolu 66 tal-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S.276.05).

Ir-rikorrent jilmenta li dan imur kontra l-**Artikolu 27 paragrafu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri** (2002/584/GAI) li jgħid testwalment hekk:

> *...persuna ċeduta ma tistax tiġi pproċessata, mogħtija sentenza jew f'xi mod ieħor miċħuda l-liberta tiegħu jew tagħha għal offiża mwettqa qabel iċ-ċediment tiegħu jew tagħha, barra dik għall-liema l-persuna kienet ġiet ċeduta.*

Dan il-prinċipju jsib limitazzjoni u eċċezzjoni fir-reat illi għalih ikun ħareġ il-Mandat ta' Arrest Ewropew u kif ukoll numru ta' ċirkostanzi oħra elenkati fis-sub-paragrafu sussegwenti tal-istess Artikolu 27.

Issa din ir-regola ġiet introdotta fil-liġi Maltija bl-**Artikolu 25 tal-Kap 276** tal-Ligijiet ta' Malta li jgħid testwalment hekk:

> *(2) Ma għandu jsir xejn f'Malta dwar persuna li għaliha japplika dan l-artikolu, matul iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (3), għal jew dwar xi reat magħmul minnha qabel ma treġġgħet lura Malta ħlief dwar-*
>
> *(a) ir-reat li dwaru hi tkun treġġgħet lura; jew*
>
> *(b) xi reat anqas gravi ppruvat mill-fatti li ġew ippruvati biex jiġi żgurat it-treġġigħ lura tagħha; jew*
>
> *(ċ) xi reat ieħor li dwaru l-pajjiż li minnu tkun ġiet imreġġa' lura jagħti l-kunsens tiegħu li tittieħed azzjoni kontra dik il-persuna.*

Il-Qorti tosserva wkoll l-**Artikolu 66 tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni** (L.S.276.05) li jgħid testwalment hekk:

> ***66.***_(1) Dan l-artikolu japplika jekk persuna titreġġa' lura lejn Malta minn pajjiż skedat_ (Ir-Renju Unit huwa pajjiz Skedat) *konformement ma' mandat taħt it-Taqsima III.*
>
> *(2) Tista' tittieħed azzjoni kontra persuna f'Malta għal reat li tkun għamlet qabel l-estradizzjoni biss jekk –*
>
> *(a) ir-reat jaqa' taħt is-subartikolu (3), jew*
>
> *(b) tkun sodisfatta l-kondizzjoni fis-subartikolu (4).*

*(3) Ir-reati huma –*

*(a) ir-reat li l-persuna titreġġa' lura dwaru;*

*(b) reat żvelat mill-informazzjoni mogħtija lill-pajjiż imsemmi dwar dak ir-reat;*

*(ċ) reat ta' estradizzjoni li dwaru jingħata l-kunsens, f'isem il-pajjiż skedat, lill-persuna li tkun qegħda tittieħed azzjoni dwarha;*

*(d) reat li mhux punibbli bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni;*

*(e) reat li dwaru l-persuna ma tinżammx f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċedimenti fil-qorti kontriha, sentenza jew appell;*

*(f) reat li dwaru l-persuna twarrab id-dritt li kieku hija jkollha (li ma kienx għal dan il-paragrafu) li ma titteħidx azzjoni dwarha għal dak ir-reat.*

*(4) Il-kondizzjoni hi li l-persuna tkun ingħatat opportunità li titlaq minn Malta u –*

*(a) ma tkunx għamlet dan qabel tmiem-il perjodu permess, jew*

*(b) tkun għamlet dan qabel tmiem-il perjodu permess u tkun irritornat lejn Malta.*

*(5) Il-perjodu permess hu ta' ħamsa u erbgħin ġurnata li jibdew għaddejin mill-jum meta l-persuna tasal f'Malta.*

Issa, fil-każ odjern, ir-rikorrent nġieb Malta fil-31 ta' Mejju 2017 u qiegħed jiġi akkużat illi bejn l-1 ta' Marzu 2014 u l-31 ta' Marzu 2018, huwa naqas milli jagħti lil Silvana Spiteri, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedu u/jew għal martu, fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma (**Kap 9 Artiklu 338(z)**).

Il-Qorti tosserva li hu paċifiku bejn il-partijiet li persuna ma tistax titressaq dwar akkużi li jirriżultaw minn sitwazzjonijiet li seħħew qabel ma r-rikorrent inġieb Malta permezz tal-Mandat t'Arrest Ewropew, jekk l-istess mandat ma jirrigwardax dak l-istess reat u sakemm mhux permess mil-ligi. Il-punt fejn il-partijiet ma jaqblux huwa dwar jekk ir-reat in kwistjoni jikkonsistix f'reat kontinwat u għalhekk għandux jitqies reat wieħed li ma jistax jiġi spezzettat.

Din il-Qorti tibda biex tqis illi fl-ewwel digriet tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet distinzjoni, għal dak li jirrigwarda l-akkużi li nġiebu 'l quddiem fil-konfront tar-rikorrent, bejn il-perjodu ta' qabel ma huwa nġieb Malta bi proċeduri ta' estradizzjoni u l-perjodu ta' wara li nġieb Malta. Il-Qorti tal-Maġistrati applikat il-provvedimenti tal-liġi *de quo* u sostniet illi bl-applikabilità tar-*rule of*

*speciality*, hija kienet qed tawtorizza l-prosegwiment tal-kawża biss u limitatament fil-konfront tal-perjodu ta' wara illi huwa ngieb Malta.

Din il-Qorti mhix ser tissostitwixxi ruħha għall-Qorti tal-Maġistrati, izda għal finijiet anke tal-osservazzjonijiet li għad trid tagħmel fil-mertu aktar 'il quddiem, tifli bir-reqqa l-Artikolu 66 (3)(d) tal-**Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni** (L.S.276.05) hawn fuq ċitat. Dan l-artikolu serva bħala l-motiv wara d-deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema motiv baqa' kostanti fid-digrieti l-oħra li ssuċċedew. Huwa għalhekk illi din il-Qorti ma tqis illi r-rikorrenti għandu raġun jilmenta illi d-digrieti li segwew huma nieqsa minn motivazzjoni, proprju għaliex id-digrieti tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021 jagħmlu referenza għal xulxin u jżommu ferm dak li tgħid il-Qorti fil-motivazzjoni mogħtija oriġinarjament.

Issa, il-Qorti tqis illi minn qari ta' dak is-sub-inċiż, sakemm akkużi ma jkunux neċessarjament iġibu piena ta' habs jew detenzjoni, allura jistghu jinharrgu tali akkuzi anke għall-perjodu ta' qabel mal-persuna akkużata tkun nġiebet lura Malta.

Il-liġi tgħid espressament illi *tista' tittieħed azzjoni kontra persuna f'Malta għal reat li tkun għamlet qabel l-estradizzjoni biss jekk ir-reati mhumiex punibbli bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni.* Dan ifisser illi fejn ir-reat igib mieghu necessarjament piena ta' prigunerija, allura, fit-termini ta' dan il-provvediment, persuna ma tistghax titressaq quddiem il-Qorti fic-cirkostanzi hawn fuq riferiti (anke jekk koncess illi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja, kif aktar l-isfel jinghad, jista' qed jissuggerixxu mod iehor). Minn naha l-ohra, il-Qorti tqis illi fejn ir-reat ma jgibx piena ta' prigunerija awtomatika f'kaz ta' htija, imma jista' per ezempju jkun hemm multa, allura l-akkuzi jistghu jinharrgu u l-persuna tista' tigi processata.

Il-Qorti tqis illi il-provvedimenti tal-Ligi Sussidjarja 276.05 hawn fuq citati jirrifflettu tajjeb dak li tghid id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI), senjatament l-artikolu 27 taghha meta jinghad car illi persuna ceduta tista' tigi processata jekk *l-offiża mhijiex punibbli minn sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni*.

Issa f'dan il-kuntest, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Fabio Psaila vs l-Avukat Generali et**[5] fis-sentenza taghha tat-12 ta' Lulju 2023:

> *Il-Qorti tosserva wkoll li l-ilment tal-appellant dwar l-Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali huwa wieħed pjuttost teoretiku fiċ-ċirkostanzi tal-każ ……………………………. Fir-rigward tal-ilment dwar il-liġi nnifisha, kif sewwa jargumenta l-Avukat tal-Istat, <u>il-liġi ma tiffissax piena karċerarja mandatorja</u>*[6] *u l-Qrati jistgħu mhux biss jagħżlu li jerogaw piena konsistenti f'ammenda jew sempliċiment ċanfira u twiddiba, iżda jistgħu wkoll jilliberaw lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor,*

[5] 32/19/1ISB

[6] Sottolinear għall-emfasi

*oltre` li meta jagħtu piena karċerarja jistgħu jordnaw li din tiġi sospiża għal żmien stabbilit minnhom*

Għalhekk il-Qorti tqis illi l-Artikolu 338z tal-KAP 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li a bażi tiegħu inħarġu l-akkużi fil-konfront tar-rikorrent, mhux neċessarjament illi ser iġibu, f'każ ta' ħtija, piena karċerarja. Il-Qorti tqis illi "il-forsi" mhux biżżejjed, u dan anke fil-kuntest ta' dak li ser jingħad aktar 'l isfel.

Il-Qorti tqis illi allura, sakemm il-liġi penali ma timponix pieni awtomatiċi ta' priġunerija għar-reat li jkun, allura l-proċeduri jkunu jistgħu jiġu inizjalati u b'hekk il-Qorti tilqa' dak li jsostnu l-intimati fis-17-il paragrafu tar-risposta tagħhom, speċjalment fejn jirreferu għal dak li tgħid il-kawża minnhom ċitata **C-388/08**[7] deċiża mill-Qorti Ewropea.

*72 The exception in Article 27(3)(c) of the Framework Decision concerns a situation in which the criminal proceedings do not give rise to the application of a measure restricting personal liberty.*

*73 It follows that, in the case of that exception, a person can be prosecuted and sentenced for an 'offence other' than that for which he was surrendered, which gives rise to a penalty or measure involving the deprivation of liberty, without recourse being necessary to the consent procedure, provided that no measure restricting liberty is applied during the criminal proceedings. If however, after judgment has been given, that person is sentenced to a penalty or a measure restricting liberty, consent is required in order to enable that penalty to be executed.*

*74 That interpretation also reflects the provisions of Article 10(1)(b) of the 1996 Convention, as is made clear by the explanatory report to that convention, approved by the Council on 26 May 1997 (OJ 1997 C 191, p. 13). According to that report, a requesting Member State may start or continue prosecution, or try a person, for acts other than those for which he was extradited, even where the offence is punishable by a sanction restricting personal liberty, to the extent that the person is not, either during or as a result of the proceedings, restricted in his personal liberty. Thus, according to the report, if the person concerned is sentenced to a penalty or a measure involving deprivation of liberty, that sentence may not be executed unless the requesting Member State obtains the consent either of that person or the requested State.*

F'dan is-sens, jitqies illi proċeduri li ma jġibux piena awtomatika ta' priġunerija jistgħu jiġu inizjalati u konklużi, iżda biss fil-każ illi l-Qorti tħoss illi piena karċerarja hija aktar adegwata fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dak il-każ, allura hemmhekk jidħlu fis-seħħ provvedimenti u proċeduri oħra qabel ma tali sentenza tingħata effett.

Issa, ir-rikorrent jsostni illi l-Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru jipproteġi lir-rikorrent milli jiġi pproċessat minn akkużi li ma kienx jiġi pproċessat bihom kieku ma nġiebx Malta u dan biex jirrispetta s-sovranità tal-Istat Membru li bagħtu. Il-Qorti jidhrilha illi

[7] JUDGMENT OF THE COURT (Third Chamber), 1 December 2008,

r-rikorrent huwa skorrett fl-ewwel parti ta' din l-osservazzjoni, in kwantu illi dik l-asserzjoni mhix assoluta u hemm, kif jingħad aktar 'il fuq, l-eċċezzjonijiet għaliha. Ukoll, illi b'dak hawn fuq konkluż u bil-fatt illi sentenza li ġġib magħha deprivazzjoni tal-libertà ta' persuna mibgħuta minn membru skedat, tingħata effett biss una volta jinġieb il-kunsens ta' dak l-istat skedat, allura altru milli s-sovranità ta' dak l-istat qed tiġi rispettata.

F'dan il-kuntest, il-Qorti għalhekk tqis illi r-rikorrenti ma għandux raġun jilmenta minn lezjoni tad-drittijiet tieghu jew applikazzjoni żbaljata tal-provvedimenti tal-ligi sakemm huwa jibqa' fil-possibilità illi jingħata sentenza ta' htija, u konsegwenti għaliha, ma jiehux piena karcerarja. U anke jekk jieħu tali piena, dik tieħu effett biss una volta jinġieb il-kunsens, f'dan il-każ, tar-Renju Unit.

B'hekk, il-Qorti tqis illi mhux biss tkun qed tiġi rispettata s-sovranità tal-pajjiż skedat li jkun bagħat lill-persuna, imma wkoll is-sovranità tal-pajjiż illi jirċievi l-persuna fi kwistjonijiet ta' proċeduri penali fiz-zamma tal-ordni pubbliku ta' dak il-pajjiz, ukoll peress illi l-kontravvenzjoni partikolari ai termini tal-Artikolu 338(z) tal-KAP 12 hija wahda minn dawk illi l-ligi penali taghna tikklassifika bhala "*kontra l-ordni pubbliku*". F'dan il-kuntest ukoll, ghalhekk il-Qorti tqis illi bid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Settembru 2019, il-Qorti hemmhekk sabet bilanc xieraq u wettqet gustizzja prattika fl-ambitu tal-ligijiet taghna u b'rispett lejn id-drittijiet tar-rikorrenti kif ukoll dawk tal-persuna illi lilha huwa allegatament dovut il-manteniment, u finalment bilanc bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-pajjizi membri stati.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi l-ispezzettar tal-akkużi u l-prosegwiment tal-akkużi li jirrigwardaw l-perjodu ta' wara li nġieb f'Malta, ma setax isir minħabba illi r-reat taħt l-Artikolu 338z huwa reat istantanju li għall-fini ta' piena huwa reat kontinwat u huwa biss ċirkostanza ta' fatt illi, meta tiġi stabbilita tinduċi eċċezzjoni għall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi[8]. Jispjega li għalhekk għal fini ta' proċeduri u piena, il-Qorti Kriminali tqisu bħala reat kontinwat – fatt li mhux kontestat mill-parte civile.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Sammut** deċiża fil-21 ta' Jannar 2021 fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *Dan qiegħed jingħad ukoll minħabba l-fatt li skont ġurisprudenza paċifika r-reat taħt **l-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali huwa reat ta' natura istantanea**[9]. F'dan is-sens ara s-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Abdilla** deċiża nhar it-28 ta' Lulju 2010 fejn ġie ritenut hekk :*
>
> *Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jghid li l-akkuza kontra tieghu hi preskritta. Isostni illi stante li hu akkuzat taht l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, a tenur tal-proviso ta' l-istess artikolu, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sitt xhur.*

---

[8] In sostenn ta' dan issir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Sammut** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Jannar 2021 u **Il-Pulizija vs Carmel Vella** deċiża fis-6 ta' Jannar 2012.

[9] Emfażi ta' din il-Qorti

*Li l-perijodu preskrittiv huwa ta' sitt xhur huwa minnu, izda hawn qieghed jigi attribwit lill-appellant reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kap. 9. Din il-kwistjoni giet trattata fl-Appell Kriminali Il-**Pulizija v. John Chircop** deciz fit-3 ta' Novembru 2005 fejn intqal:*

*"Illi dwar l-ewwel tlett aggravji li jirrigwardaw l-preskrizzjoni, din il-Qorti taqbel li r-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kap.9 huwa wiehed istantenju u mhux permanenti. Dan pero' jigi kommess appena jiskadu hmistax il-jum mid-data meta l-pagament ordnat jew miftiehem suppost ikun sehh. Jidher li fir-rikors tal-appell hemm certa konfuzjoni ta' ideat bejn reat permanenti (continuing offence) u reat kontinwat (continuous offence). Kif tajjeb intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef (illum Prim'Imhallef) V. De Gaetano, fil-kawza: "Il-Pulizija vs. Joseph Galea" [3.11.1995] "*

*'Il-kuncett ta' "continuous offence" jincidi primarjament fuq il-komputazzjoni tal-piena filwaqt illi l-"continuing offence" jincidi fuq l-aspett sostantiv tar-reat. Fil-fatt dawn huma zewg koncetti guridikament differenti u separati minn xulxin. Id-diffikolta' doppja li tinholoq hija li bit-test Malti hafna drabi nirriferu kemm ghall-"continuing offence" kif ukoll ghall-"continuous offence" bhala reat kontinwat, benche' li huma zewg kuncetti guridikament differenti minn xulxin. ....**Il-fatt jibqa' wiehed li l-gurisprudenza tindika bl-izjed mod car li l-artikolu 338(z) huwa reat istantaneju u mhux kontinwat ("continuing")"** [10]*

*"Dan pero' bl-ebda mod ma jfisser li numru ta' reati kontravvenzjonali ta' natura istantanja ma jistghux - anki a beneficcju tal-akkuzat – jingabru flimkien mill-Prosekuzzjoni bhala reat kontinwat, kif donnu qed jippretendi l-appellant. Din il-Qorti ukoll fl-istess sentenza appena citata rriteniet li dan hu possibbli.*

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-argument/lment da parti tar-rikorrent dwar l-ispezzettar tal-akkużi ma jreġix u dana stante l-fatt li tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati x'piena jkollha tiġi nflitta f'każ ta' ħtija, għaliex il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 18 tal-KAP 9 tal-Liġijiet ta' Malta jħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk, f'każ ta' ħtija u f'każ illi kellu jiġi meqjus reat kontinwat, iżżidx il-piena minn grad sa żewg gradi. Dan ifisser illi dejjem hemm il-possibilità illi l-Qorti dan ma tagħmlux.

Issa, akkont illi l-Qorti tal-Maġistrati spezzettat l-akkuża fi tnejn, dejjem hemm il-possibilità illi r-rikorrent jużufruwixxi ruħu minn din id-diskrezzjoni tal-Qorti fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern jekk u meta jaffaċċja l-akkużi relatati għall-perjodu qabel ma treġġa' lura Malta.

Il-Qorti ma tqisx għalhekk illi l-ispezzettar tal-akkużi b'xi mod setgħu ppreġudikaw id-drittijiet tar-rikorrenti. Lanqas ma tqis illi d-digriet tat-23 ta' Settembru 2019 u d-digrieti sussegwenti interpretaw u/jew applikaw ħażin il-provvedimenti tal-liġijiet relattivi.

---

[10] Emfażi ta' din il-Qorti

**Għalhekk, in vista tas-suespost, il-Qorti ma ssib l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet sanċiti bl-Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru u tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta fid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Settembru 2019 u d-digrieti sussegwenti li jikkonfermaw l-istess digriet.**

**DECIDE**

**GĦALDAQSTANT, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tiddispondi mill-eċċezzjonijiet preliminari kif hawn fuq deċiż, tastjeni milli tipprovdi dwar is-seba' sat-tnax-il talba għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija u tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimati u konsegwentament tiċħad it-talbiet kollha rimanenti tar-rikorrent.**

**L-ispejjeż kollha jitħallsu mir-rikorrent.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**